



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7494/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0080(BUD)

FIN 322

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 150 final
Suġġett:	Proposta għal ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1 GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2023 Aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi milfuq dwar diversi proposti leġislattivi, inkluż fir-rigward tar-REPowerEU, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 150 final.

Mehmuż: COM(2023) 150 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.3.2023
COM(2023) 150 final

2023/0080 (BUD)

Proposta għal

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2023**

**Aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi milħuqa dwar diversi proposti
leġiżlattivi, inkluż fir-rigward tar-REPowerEU, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-
Karbonju fil-Fruntiera u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea¹, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)², u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif adottat fit-23 ta' Novembru 2022³,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1 tal-baġit tal-2023.

BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Indivduwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193, 30.7.2018.

³ ĠU L 58, 23.2.2023.

Werrej

1.	INTRODUZZJONI	3
2.	REPOWEREU.....	3
3.	IL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRONTIERI (CBAM)	4
4.	PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA	6
5.	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI.....	7
5.1	AWTORITÀ GĦALL-ĠLIEDA KONTRA L-ĦASIL TAL-FLUS (AMLA).....	7
5.2	L-AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-ENERĠIJA (ACER).....	7
5.3	L-AĠENZJA GĦAL APPOĠĠ GĦALL-KORP TA' REGOLATURI EWROPEJ TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (L-UFFIĊĊJU BEREĆ).....	8
5.4	L-AĠENZJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (ECHA)	8
6.	AĠENZIJI EŻEKUTTIVI	8
6.1	AĠENZJA EŻEKUTTIVA GĦAS-SAĦĦA U GĦALL-QASAM DIĠITALI (HADEA)	8
7.	IL-KONTROLLUR EWROPEW TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA (EDPS)	9
8.	KUMPAŊIJA.....	9
9.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP.....	10

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1 għas-sena 2023 (ABE 1) huwa li jintroduċi l-bidliet tekniċi meħtieġa għall-baġit tal-2023 li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi li ntlaħqu dwar diversi proposti leġiżlattivi, b'mod partikolari fir-rigward tar-REPowerEU, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura.

B'mod partikolari, l-ABE 1 ikopri l-elementi li ġejjin:

- aġġustament tan-nomenklatura baġitarja u rimarki wara l-adozzjoni tal-pjan REPowerEU⁴ u tar-Regolament⁵ b'emendi mmirati għar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁶, id-Direttiva dwar l-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)⁷ kif ukoll ir-Regolament dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB)⁸;
- it-trasferiment tal-linja operazzjonali tas-CBAM mill-intestatura 1 għall-intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), f'konformità mal-ftehim finali li ntlaħaq f'Diċembru 2022 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-CBAM, filwaqt li jiġi aġġustati l-approprijazzjonijiet tal-persunal u approprijazzjonijiet amministrattivi oħra taħt l-intestatura 7 skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva (LFS) riveduta;
- it-tisħiħ tal-programm ta' Konnettività Sigura Spazjali għal ammont ta' EUR 50 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn, sabiex jitlesta l-finanzjament tal-programm għall-perjodu sa tmiem l-2027⁹;
- l-aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE u/jew tal-għadd tal-persunal tal-Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), tal-Aġenzija għall-appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex jitqiesu l-bidliet fil-mandati tagħhom;
- l-aġġustament tal-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) biex titqies bidla minuri fl-istruttura tal-persunal tal-aġenzija eżekuttiva;
- żieda fil-livell ta' approprijazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) biex jiġi ffinanzjati tariffi legali wara żieda ta' kawżi ta' litigazzjoni relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁰.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 1 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 52,6 miljun f'approprijazzjonijiet ta' impenn. Ma tintalab l-ebda approprijazzjoni ta' pagament addizzjonali.

2. REPOWEREU

Il-kuntest ġeopolitiku nbidel b'mod konsiderevoli mill-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("RRF")¹¹. Biex tindirizza sfidi ġodda, fit-18 ta' Mejju 2022 il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħa il-qawwa tal-RRF permezz tal-pjan REPowerEU.

⁴ COM(2022) 230, tat-18.5.2022.

⁵ COM(2022) 231, tat-18.5.2022.

⁶ ĠU L 57, 18.2.2021.

⁷ Id-Direttiva 2003/87/KE.

⁸ ĠU L 357, 8.10.2021.

⁹ COM(2022) 57, tal-15.2.2022.

¹⁰ ĠU L 119, 4.5.2016.

Ir-Regolament¹² dwar il-ħolqien ta' kapitoli ddedikati tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jiddefinixxi objettivi speċifiċi tar-REPowerEU li jenħtieġ li jiġu indirizzati mill-investimenti u r-riformi li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRPs") eżistenti. Barra minn hekk, ir-Regolament jipprevedi sorsi addizzjonali ta' finanzjament iddedikati għall-finanzjament tal-miżuri rilevanti. Dan jinkludi dħul addizzjonali mill-irkant ta' kwoti mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE kif ukoll minn trasferimenti volontarji mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB). L-appoġġ finanzjarju addizzjonali relatat mal-kapitoli tar-REPowerEU se jiġi żborżat flimkien mal-bqija tal-kontribuzzjoni finanzjarja inizjali tal-RRF u, fejn applikabbli, mal-appoġġ fil-forma ta' self skont skeda komuni ta' pagamenti parzjali.

Fl-1 ta' Frar 2023¹³, il-Kummissjoni ppubblikat gwida ġdida dwar il-pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza. Sabiex tiġi żgurata introduzzjoni rapida tal-miżuri REPowerEU, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jissottomettu l-RPPs modifikati tagħhom li jinkludu l-kapitoli tar-REPowerEU sat-30 ta' April 2023. Dan huwa qabel l-iskadenza legali tal-31 ta' Awwissu 2023, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-iskadenza biex jiġu impenjati l-ammonti disponibbli taħt it-30 % li jifdal tal-allokazzjoni tal-ġotja hija tmien l-2023. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel l-impenji baġitarji fil-ħin mal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni tipproponi li tagħmel l-aġġustamenti addizzjonali kollha meħtieġa għan-nomenklatura tal-baġit u r-rimarki tal-baġit fl-ABE 1. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li toħloq linja baġitarja ġdida 16 02 04 "Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mir-RAB" kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjoni jiet ta' impenn	Appropriazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
16 02 04	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza -Kontribuzzjoni mir-RAB	p.m.	p.m.
Totali		p.m.	p.m.

Barra minn hekk, huwa propost li titħassar il-linja baġitarja 08 03 05 "Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - Kontribuzzjoni mill-FAEŻR" u li jiġu inklużi stimi fir-rigward tal-finanzjament addizzjonali mir-REPowerEU ETS għall-baġit Kapitolu 06 02 – Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u Strument ta' Appoġġ Tekniku.

Ir-rimarki korrispondenti tal-baġit huma stabbiliti fl-anness baġitarju.

3. IL-MEKKANIŻMU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-KARBONJU FIL-FRONTIERI (CBAM)

Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM)¹⁴ kienet ibbażata fuq mudell ta' governanza deċentralizzata b'involvement sostanzjali tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu. Kif stabbilit fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva oriġinali (LFS) li takkumpanja l-proposta, dan kien ikun jeħtieġ l-iżvilupp ta' sistema tal-IT relattivament modesta (li l-Kummissjoni pproponiet li tiffinanzja fl-Abbozz ta' Baġit 2023 taħt l-intestatura operattiva 1 Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali) u riżorsi umani limitati fil-Kummissjoni (massimu ta' tmien karigi fil-pjan ta' stabbiliment b'ritmu normali sħiħ, li għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-intestatura 7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea).

¹¹ ĠU L 57, 18.2.2021.

¹² COM(2022) 230, tal-18.5.2022.

¹³ C(2023)876 Anness.

¹⁴ COM(2021) 564, tal-14.7.2021.

Madankollu, il-ftehim finali li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Diċembru 2022 dwar l-istabbiliment tal-Mekkaniżmu huwa bbażat fuq mudell ta' governanza ċentralizzata, li jirrikjedi involviment qawwi tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistema tal-IT sostanzjali. Fl-istess ħin, il-koleġiżlaturi ma żammewx l-għażla li jiffinanzjaw is-CBAM minn dħul assenjat estern li jakkumula mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Għalhekk, iż-żieda fil-kostijiet għas-sistema tal-IT se jkollha tiġi ffinanzjata mill-marġni taħt il-limitu massimu tannefqa tal-intestatura 3 (Riżorsi Naturali u Ambjent), filwaqt li l-persunal addizzjonali tal-Kummissjoni se jkollu jiġi ffinanzjat taħt l-intestatura 7.

Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni baġtet LFS rivedut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jistabbilixxi l-impatt baġitarju tal-mudell il-ġdid ta' governanza li jkopri l-perjodu 2023-2027. Il-Kummissjoni tipproponi li tinkludi l-impatt għas-sena finanzjarja 2023 fl-ABE 1, b'xi tnaqqis żgħir ta' approprjazzjonijiet meta mqabbel mal-istimi fl-LFS rivedut għall-2023. B'mod partikolari, minħabba l-ħtieġa li jiġu aċċellerati t-tħejjijiet għall-ħolqien tas-sistema tal-IT, il-Kummissjoni setgħet tkopri EUR 7,7 miljun tal-ħtiġijiet tas-CBAM identifikati fl-LFS rivedut permezz ta' approprjazzjonijiet disponibbli taħt il-programmi Dwana u Fiscalis fl-2023.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li tinholq linja baġitarja ġdida għas-CBAM fl-intestatura 3 b'livell ta' EUR 4,1 miljun rispettivament f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 1,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament u li titħassar il-linja baġitarja eżistenti fl-intestatura 1, filwaqt li jiżiedu l-approprjazzjonijiet mal-marġni korrispondenti taħt l-intestatura 1, kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsimat III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 20 03 02)	-2 250 000	-2 250 000
09 20 04 01	Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri	4 150 000	1 565 679
Totali		1 900 000	-684 321

Fir-rigward tal-persunal, il-Kummissjoni kienet kompletament lesta li tindirizza l-ħtiġijiet inizjali ta' persunal sa tmien karigi taħt il-mudell ta' governanza deċentralizzata permezz ta' riallokazzjoni u prijoritizzazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi fi ħdan l-istituzzjoni, f'konformità mal-politika ta' persunal stabbli li l-Kummissjoni implimentat mill-bidu tal-QFP attwali. Madankollu, huwa stmat li se jkun meħtieġa 90 membru tal-persunal biex tiġi żgurata l-ġestjoni ċentralizzata tas-CBAM b'veloċità kostanti sħiħa, li minnhom 16 kariga u erba' membri tal-persunal estern fl-2023. Barra minn hekk, minħabba li l-Kummissjoni ssodisfat il-ħtiġijiet ta' oqsma ta' prijorità oħra fi ħdan il-politika stabbli tagħha dwar il-persunal matul dawn l-aħħar snin, bħar-rispons għall-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija u l-ħidma estensiva fir-rigward tal-Ukrajna, mhuwixx possibbli li jinstab għadd kbir ta' persunal bħal dan permezz ta' riallokazzjoni, mingħajr ma jiġu pperikolati attivitajiet kritiċi oħra li għaddejjin bħalissa. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni unilaterali dwar il-finanzjament tar-riżorsi umani għas-CBAM fl-1 ta' Frar 2023:

Il-Kummissjoni tfakkar li l-ftehim finali li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar l-istabbiliment tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM) evolva b'mod sinifikanti f'termini ta' riżorsi umani meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu fi ħdan il-Kummissjoni, meta mqabbel mad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li akkumpanjat il-proposta oriġinali (COM(2021) 564 final tal-14.07.2021), li kienet ibbażata fuq mudell deċentralizzat ta' implimentazzjoni.

Ir-riżorsi umani addizzjonali tal-Kummissjoni meħtieġa mill-ftehim finali approvat mill-koleġiżlaturi mhux se jippermettu li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' persunal stabbli u se jirrikjedu riżorsi

addizzjonali, li għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali flimkien mal-appropriazzjonijiet baġitarji relatati.

Mingħajr mezz addizzjonali, bħad-dħul assenjat estern li jakkumula mill-ETS, mhuwiex faċli li jinstabu opzjonijiet biex jiġu ffinanzjati l-kostijiet amministrattivi meħtieġa (il-persunal u l-IT) tas-CBAM. L-intestatura 7 Amministrazzjoni Pubblika Ewropea tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 issejset fuq il-prinċipju ta' persunal stabbli, u ma hemmx marġni għall-finanzjament ta' uffiċjali addizzjonali.

Fil-prinċipju, il-marġni fl-Intestatura 3 Riżorsi naturali u Ambjent jista' jakkomoda n-nefqa relatata mal-IT, soġġett għal-limiti tiegħu. It-tnaqqis tad-disponibbiltajiet fil-qafas tal-intestatura se jillimita il-kapaċità tal-baġit tal-UE biex jiffinanzja prijoritajiet politiċi ġodda."

Huwa f'dan l-isfond li l-Kummissjoni issa qed titlob 16 post addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment operattiv tagħha u erba' aġenti kuntrattwali fl-2023, kif ukoll ammont korrispondenti ta' EUR 1,5 miljun biex tiġi koperta n-nefqa amministrattiva relatata fl-intestatura 7, jekk wieħed jassumi reklutaġġ fuq medja ta' nofs is-sena.

Dan il-persunal addizzjonali se jkun qed iwettaq kompiti marbuta kemm mal-implimentazzjoni tas-CBAM kif ukoll mal-proġett tal-IT. Bħala tali, 12 kariga AD se jindirizzaw l-ammont ta' xogħol tal-2023 relatat ma' diversi atti delegati u ta' implimentazzjoni, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet integrati, is-sorveljanza tar-responsabbiltà finanzjarja u l-kuntratti u r-rapporti. Il-persunal tal-Kummissjoni se jkun meħtieġ ukoll jirrieżamina u jivvaluta l-funzjonament tas-sistema tas-CBAM u jimplimenta s-sistema tal-IT. Barra minn hekk, l-importanza strateġika, il-kobor u l-kumplessità tal-proġett tal-IT tas-CBAM jeħtieġu tim tal-IT iddedikat tas-CBAM stmat għal total ta' 15 FTE għall-ġestjoni tal-implimentazzjoni u l-operazzjonijiet ġenerali tal-proġett. Il-Kummissjoni diġà qassmet mill-ġdid internament seba' FTEs għal dan l-għan. Tmien FTEs oħra, li minnhom erba' karigi AD u erba' aġenti kuntrattwali, huma għalhekk meħtieġa fl-2023.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim III – Il-Kummissjoni</i>			
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	764 000	764 000
20 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	181 000	181 000
20 02 01 01	Persunal bil-Kuntratt	122 591	122 591
20 02 06 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	75 000	75 000
20 02 06 02	Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi	200 000	200 000
20 02 06 03	Laqgħat tal-kumitati	27 000	27 000
20 02 06 04	Studji u konsultazzjonijiet	100 000	100 000
Totali		1 469 591	1 469 591

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

4. PROGRAMM TAL-UNJONI GĦAL KONNETTIVITÀ SIGURA

Fit-trilogu finali tat-23 ta' Novembru 2022, il-koleġiżlaturi qablu li jżidu l-finanzjament tal-inizjattiva tal-Unjoni għal Konnettività Sigura b'EUR 50 miljun mill-marġni mhux allokat taħt il-limitu massimu tan-nefqa tal-Intestatura 1. Sabiex jiġi implimentat dan il-ftehim, il-Kummissjoni tipproponi li fl-ABE 1 jiġi inkluż ammont ta' EUR 50 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn, li se jikkontribwixxu għat-tnedija ta' proċeduri ta' akkwist fl-2023. Il-livell attwali ta' appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2023 huwa meqjus suffiċjenti biex ikopri l-ħtiġijiet ta' pagament ta' din is-sena.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approporzjazzjoni jiet ta' impenn	Approporzjazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimha III – Il-Kummissjoni</i>			
04 03 01	Konnettività Sigura tal-Unjoni — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1	50 000 000	0
Totali		50 000 000	0

5. AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

5.1 Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

Il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita l-Awtorità Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)¹⁵ ipprevediet il-bidu tal-attivitàjiet fl-2023. Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont previst ta' EUR 1 085 270 għall-2023 iddaħħal fir-riżerva (it-titolu tal- "provvedimenti"). Madankollu, minħabba negozjati itwal dwar il-proposta, l-attivitàjiet mhux se jibdew fl-2023 u għalhekk l-ammont fir-riżerva jista' jiġi kkanċellat. Il-marġini fl-intestatura 1 ser jiżdied b'mod korrispondenti.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approporzjazzjoni jiet ta' impenn	Approporzjazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimha III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approporzjazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 03 10 05)	- 1 085 270	- 1 085 270
Totali		- 1 085 270	- 1 085 270

5.2 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)

Il-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) huwa propost li jiġi estiż biż-żewġ inizjattivi ġodda li ġejjin.

L-ewwel nett, ir-Regolament tal-Kunsill li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, skambji tal-gass bejn il-fruntieri u kompiti affidabbli ta' parametri referenzjarji tal-prezzijiet¹⁶ tal-ACER bil-ħolqien ta' għodda oġġettiva għall-valutazzjoni tal-prezzijiet, u maż-żmien punt ta' riferiment, tal-importazzjonijiet tal-LNG tal-UE billi tinġabar informazzjoni f'ħin reali dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' kuljum. Sabiex l-aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-kontribuzzjoni tal-UE lill-ACER b'EUR 1,83 miljun fl-2023. Dan jinkludi l-finanzjament ta' ħames karigi addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment tal-aġenzija. Iż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-ACER hija proposta li tiġi kkompensata mill-programm FNE-Enerġija.

It-tieni nett, ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq biex jipproteġi liċ-ċittadini u l-ekonomija kontra prezzijiet eċċessivament għoljin¹⁷ jipprevedi li l-ACER ser teżerċita appoġġ fil-monitoraġġ, l-attivazzjoni u s-sospensjoni tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq. Dan jinvolvi kompiti addizzjonali inkluż fir-rigward tal-funzjonament tas-swieq tal-komoditajiet u s-sigurtà tal-provvista, li bħalissa mhumiex parti mir-rwol tal-Kummissjoni. Sabiex l-aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li żżid il-kontribuzzjoni tal-UE lill-ACER b'EUR 942 000 fl-2023. Dan jinkludi l-finanzjament ta' sitt karigi addizzjonali fil-pjan ta' stabbiliment tal-aġenzija. Iż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-UE lill-ACER hija proposta li tiġi kkompensata mill-programm FNE-Enerġija.

¹⁵ COM(2021) 421, tal-20.07.2021.

¹⁶ ĠU L 335, 29.12.2022, p. 1-35.

¹⁷ ĠU L 335, 29.12.2022, p. 45-60.

L-impatt globali fuq in-nefqa huwa kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn	Approprijazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
02 10 06	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	2 772 000	2 772 000
02 03 02	FNE Enerġija	- 2 772 000	- 2 772 000
Totali		0	0

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

5.3 L-Aġenzija għal Appoġġ għall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC)

Wara d-diffikultajiet li itaqgħet magħhom l-Aġenzija għall-appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju BEREC) biex jalloka għadd suffiċjenti ta' karigi ta' aġenti temporanji għall-funzjonijiet ewlenin ta' ġestjoni u amministrattivi tiegħu, il-Kummissjoni tipproponi li żżid kariga waħda fil-pjan ta' stabbiliment. Il-kariga ta' stabbiliment addizzjonali se tiġi ffinanzjata fi ħdan il-kontribuzzjoni eżistenti tal-UE.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

5.4 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji¹⁸ pproponiet li jiġu assenjati kompiti ġodda lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Direttivi ambjentali u konvenzjonijiet internazzjonali (ECHA), li kienet mistennija tirrikjedi ammont ta' EUR 602 000 fl-2023, ikkumpensat mill-programm LIFE. Skont l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju, dan l-ammont iddaħħal fir-riżerva (it-titolu tal-“provvedimenti”). Madankollu, wara ċ-ċirkolazzjoni ta' LFS rivedut, l-impatt finanzjarju korrispondenti ġie pospost għall-2024. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li tirritorna l-allokazzjoni tal-2023 għall-programm LIFE kif ġej:

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprijazzjoni jiet ta' impenn	Approprijazzjoni jiet ta' pagament
<i>Taqsimi III – Il-Kummissjoni</i>			
30 02 02	Approprijazzjonijiet differenzjati (Riżerva għall-artikolu baġitarju 09 10 01)	- 602 000	- 602 000
09 02 02	Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja	602 000	602 000
Totali		0	0

6. AĠENZIJI EŻEKUTTIVI

6.1 Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA)

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) jeħtieġ li jiġi emendat biex jakkomoda bidla fl-istruttura tal-persunal fl-aġenzija. Għalhekk qed jintalab aġġornament baġitarju newtrali ta' kariga AST waħda f'kariga AD waħda, mingħajr ebda impatt fuq in-nefqa amministrattiva tal-aġenzija għall-2023.

Il-pjan ta' stabbiliment aġġornat huwa ppreżentat fl-anness baġitarju.

¹⁸ COM(2020) 798, tal-10.12.2020.

7. IL-KONTROLLUR EWROPEW TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA (EDPS)

Ir-rwol tal-KEPD fl-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data¹⁹ jeħtieġ tisħiħ tal-baġit tiegħu b'EUR 300 000, sabiex jiffinanzja tariffi legali wara żieda ta' kawżi ta' litigazzjoni.

Peress li l-Awtoritajiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data (DPA) qed jiżviluppaw l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom, aktar tilwim jeħtieġ intervent mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EPDB), responsabbiltà unika fix-xenarju tal-governanza regolatorja diġitali tal-UE. Id-deċiżjonijiet vinkolanti tal-EDPB għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-GDPR mill-Awtoritajiet Superviżorji nazzjonali. Deċiżjonijiet vinkolanti jindirizzaw kwistjonijiet transfruntiera fuq skala kbira, u ġeneralment jindirizzaw suġġetti kumplessi fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa minn atturi ewlenin. Għaldaqstant, dawn huma kkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali. L-azzjonijiet mill-kontrollur fil-mira tal-investigazzjoni jitqiesu inammissibbli wara l-ordni tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2022 fil-Kawża T-709/21 *WhatsApp vs EDPB*. Madankollu, dak id-digriet bħalissa jinsab taħt appell, li jfisser li l-eżenzjoni tal-EDPB minn dak il-fluss ta' litigazzjoni għadha mhijiex finali u se tiddependi fuq jekk il-Qorti tal-Ġustizzja hijiex se tikkonferma l-ordni tal-Qorti Ġenerali.

Dalwaqt se jitnedew aktar azzjonijiet u sa Marzu 2023, l-EDPB se jkollu jittratta disa' każijiet ta' litigazzjoni b'mod parallel. Is-sottomissjonijiet għall-proċedimenti tal-EDPB jeħtieġu assistenza minn ditta legali peress li ġeneralment jindirizzaw kwistjonijiet legali ġodda u/jew kumplessi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u tal-GDPR li jirrikjedu parti mill-ħidma ta' litigazzjoni. Il-livell totali ta' approprjazzjonijiet meħtieġa għall-appoġġ legali fl-2023 huwa stmat għal EUR 600 000. Wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ispazju għal riallokazzjoni interna fi ħdan it-Titolu 3 tal-baġit tal-KEPD, EUR 150 000 jistgħu jiġu riallokati minn linji baġitarji oħra. Għalhekk, kif ukoll meta jitqies il-livell inizjali ta' approprjazzjonijiet ta' EUR 150 000 disponibbli fuq il-linja baġitarja korrispondenti, huwa propost li jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet għal dan l-għan b'EUR 300 000.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
<i>Taqsim IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data</i>			
3 0 4 5	Konsulenza u studji esterni	300 000	300 000
Totali		300 000	300 000

8. KUMPAĊIJA

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 1 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 52,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Ma tintalab l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali.

¹⁹ ĠU L 119, 4.5.2016.

9. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

	Baġit 2023		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1/2023		Baġit 2023 (inkluż ABE 1/2023)	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA
1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	21 548 391 859	20 901 427 344	46 664 730	-3 335 270	21 595 056 589	20 898 092 074
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	21 727 000 000				21 727 000 000	
<i>Marġni</i>	178 608 141		-46 664 730		131 943 411	
2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri	70 586 704 063	58 058 661 399			70 586 704 063	58 058 661 399
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	182 220 073				182 220 073	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
<i>Limitu</i>	70 137 000 000				70 137 000 000	
<i>Marġni</i>	12 516 010				12 516 010	
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	62 926 483 990	50 874 959 229			62 926 483 990	50 874 959 229
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	62 939 000 000				62 939 000 000	
<i>Marġni</i>	12 516 010				12 516 010	
2b. Reżiljenza u valuri	7 660 220 073	7 183 702 170			7 660 220 073	7 183 702 170
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	182 220 073				182 220 073	
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
<i>Limitu</i>	7 198 000 000				7 198 000 000	
<i>Marġni</i>						
3. Riżorsi Naturali u Ambjent	57 259 258 225	57 455 744 586	4 150 000	1 565 679	57 263 408 225	57 457 310 265
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	57 295 000 000				57 295 000 000	
<i>Marġni</i>	35 741 775		-4 150 000		31 591 775	
Li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	40 692 211	40 698 181 356			40 692 211	40 698 181 356
<i>Sottolimitu tal-FAEG</i>	41 518 000 000				41 518 000 000	
<i>Arrotondament tad-differenza eskluża għall-kalkolu tas-sottomarġni</i>	800 000				800 000	
<i>Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR</i>	-825 800 000				-825 800 000	
<i>Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (is-sottolimitu korrett bit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)</i>	40 693 000 000				40 693 000 000	
<i>Sottomarġni tal-FAEG</i>	789 000				789 000	
4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri	3 727 311 518	3 038 380 252			3 727 311 518	3 038 380 252
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>						
<i>Limitu</i>	3 814 000 000				3 814 000 000	
<i>Marġni</i>	86 688 482				86 688 482	
5. Sigurtà u Difiża	2 116 636 829	1 208 374 612			2 116 636 829	1 208 374 612
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà</i>	170 636 829				170 636 829	
<i>Limitu</i>	1 946 000 000				1 946 000 000	
<i>Marġni</i>						
6. Viċinat u d-Dinja	17 211 879 478	13 994 937 845			17 211 879 478	13 994 937 845
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta'</i>	882 879 478				882 879 478	

	<i>Flessibilità</i>						
	<i>Limitu</i>	16 329 000 000				16 329 000 000	
	<i>Marġni</i>						
7.	Amministrazzjoni Ewropea	Pubblika	11 311 349 927	11 311 349 927	1 769 591	1 769 591	11 313 119 518
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>						
	<i>Limitu</i>	11 419 000 000				11 419 000 000	
	<i>Marġni</i>	107 650 073		-1 769 591		105 880 482	
	li minnhom: Nefqa amministrattiva istituzzjonijiet	tal- 8 743 830 451	8 743 830 451	1 769 591	1 769 591	8 745 600 042	8 745 600 042
	<i>Sottolimitu</i>	8 772 000 000				8 772 000 000	
	<i>Sottomarġni</i>	28 169 549		-1 769 591		26 399 958	
	Appropriazzjonijiet għall-intestaturi	183 761 531 899	165 968 875 965	52 584 321	0	183 814 116 220	165 968 875 965
	<i>Limitu</i>	182 667 000 000	168 575 000 000			182 667 000 000	168 575 000 000
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>	1 235 736 380	948 114 733			1 235 736 380	948 114 733
	<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku 11(1)(a)</i>	280 000 000				280 000 000	
	<i>Marġni</i>	421 204 481	3 554 238 768	-52 584 321	0	368 620 160	3 554 238 768
	Strumenti speċjali tematiċi	2 855 153 029	2 679 794 000			2 855 153 029	2 679 794 000
	Total tal-appropriazzjonijiet	186 616 684 928	168 648 669 965	52 584 321	0	186 669 269 249	168 648 669 965